MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2011

Avviz Numru. 5/2010

**General Distributors Limited (C-4567)**

**Vs**

**Silcam Trading Agency Limited (C-11283)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà attrici permezz ta’ liema titlob li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta’ hamest elef u wiehed u ghoxrin Euro u erbgha u sittin centezmu (€5,021.64), liema somma, li hija certa, likwida u dovuta, tirrapprezenta bilanc minn somma akbar ghal diversi konsenji ta’ merca debitament konsenjati lis-socjetà konvenuta mis-socjetà attrici fuq inkarigu tas-socjetà konvenuta stess, bl-imghax legali sad-data ta’ l-effetiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat fit-23 ta’ Dicembru 2009, kontra s-socjetà konvenuta;

Rat ir-Risposta pprezentata mis-socjetà konvenuta permezz ta' liema teccepixxi: (i) in linea preliminari li t-talba attrici hi preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; u (ii) fil-meritu li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici, stante li ebda ammont ma kien dovut lis-socjetà attrici peress illi l-kuntratt gie xolt;

Rat l-affidavit ta' Joseph Galea, rapprezentant tas-socjetà attrici, a fol. 14 sa' 17 tal-process u semghet ix-xhieda in kontro-ezami tieghu moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Frar 2011[1]. Semghet ix-xhieda ta' Silvio Camilleri moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Frar 2011[2];

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet kontendenti dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar din l-eccezzjoni;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna s-socjetà attrici titlob li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' €5,021.64, rapprezentanti bilanc minn somma akbar ghal diversi konsenji ta' merca konsenjati lilha mis-socjetà attrici fuq inkarigu taghha stess. Is-socjetà konvenuta tilqa' ghat-talba attrici bl-eccezzjoni preliminari li l-azzjoni attrici hija preskritta bi dekors ta' hames snin a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-provi prodotti, konsistenti essenzjalment fix-xhieda ta' Joseph Galea *Sales Director* tas-socjetà attrici u fix-xhieda ta' Silvio Camilleri, direttur tas-socjetà konvenuta bejn l-2003 u l-2008[3], jirrizulta li ghal numru ta' snin is-socjetà attrici kienet tforni merkanzija lis-socjetà

[1] Fol. 20 sa' 21 tal-process.
[2] Fol. 22 sa' 23 tal-process.
[3] Vide verbal tas-seduta tat-2 ta' Dicembru 2010, fol. 18 tal-process.

konvenuta għall-finijiet tan-negozju ta’ din ta’ l-aħħar. Inizjalment is-soċjetà konvenuta kienet tħallas lis-soċjetà attriċi *b’mod normali, fis-sens illi ma kienx* [Silvio Camilleri] *jaqa’ partikolarment lura fil-pagamenti tiegħu*[4] izda, maz-zmien bdiet taqa’ lura fil-pagamenti u eventwalment waqfet topera u ma baqgħetx takkwista merkanzija mingħand is-soċjetà attriċi. Is-soċjetà attriċi tesiġi ħlas ta’ bilanċ li skond hi baqa’ pendenti u dovut mis-soċjetà konvenuta fit-tmiem tan-negozju tagħhom, filwaqt li s-soċjetà konvenuta tgħid li ebda ammont ma hu minnha dovut lis-soċjetà attriċi għaliex, fost affarijiet oħra skond hi, it-talba għall-ħlas tinsab preskritta bid-dekors ta’ iktar minn ħames snin mid-data tal-fattura relattiva għall-ammont pretiż.

Min-Noti ta’ Sottomissjonijiet tas-soċjetajiet kontendenti jirrizulta li s-soċjetà attriċi tikkontendi li l-azzjoni istitwita minnha kontra s-soċjetà konvenuta ma hijiex preskritta għaliex <u>kwalunkwe terminu għall-azzjoni għall-ħlas tas-somma ta’ €5,021.64 beda jiddekorri minn meta ġie terminat in-negozju mas-soċjetà konvenuta, u cioè minn meta ġie likwidat il-kont li kien hemm bejniethom u rrizulta tali bilanċ</u>, u mhux mid-data ta’ xi fattura partikolari. Is-soċjetà konvenuta min-naħa l-oħra tikkontendi li t-terminu għall-azzjoni għall-ħlas tas-somma ta’ €5,021.64 <u>beda jiddekorri mid-data tal-fattura minn liema jirrizulta tali ammont, u cioè mit-28 ta’ Mejju 2003,</u> u sa’ meta ġiet istitwita l-azzjoni odjerna, tali terminu laħaq iddekorra.

Fil-fehma tal-Qorti n-negozju bejn is-soċjetajiet kontendenti kien regolat b’kont kurrent u dana kif jirrizulta mix-xhieda kemm ta’ Joseph Galea kif ukoll ta’ Silvio Camilleri. Il-fatt illi s-soċjetà attriċi baqgħet tforni merkanzija lis-soċjetà konvenuta anke jekk din ta’ l-aħħar ma kenitx tkun puntwali fil-ħlas u/jew il-ħlas ma kienx jirrispekka l-ħlas ta’ fattura partikolari u l-fatt li Silvio Camilleri stess xehed li *nikkonferma li wara l-2003 jiena xorta bqajt nixtri merkanzija mingħand is-soċjetà attriċi u dejjem ħallast,* <u>*ġieli kont inħallas fatturi individwali jew inkella kont nagħmel pagamenti kull xahar jew xahrejn …*</u>

[4] Affidavit ta’ Joseph Galea a fol. 15 sa’ 17 tal-process.

*Wara l-hrug tal-fattura ta' l-2003, ir-relazzjoni kummercjali tieghi mas-socjetà attrici baqghet ghaddejja u nghid li damet aktar minn sena wara l-hrug ta' din il-fattura*[5], juru bic-car li effettivament bejn iz-zewg socjetajiet kien hemm kont kurrent, u ghalhekk: (i) kull pagament akkont li kien isir mis-socjetà konvenuta kien jikkostitwixxi rikonoxximent tad-debitu taghha mas-socjetà attrici, u (ii) it-terminu ta' preskrizzjoni ghall-hlas ta' tali debitu beda jiddekorri mid-data meta tali kont jigi likwidat, u cioè meta ntemm in-negozju ta' bejniethom.

Dawn il-principji jirrizultaw minn diversi sentenzi pronuncjati mill-Qrati nostrali fosthom:

- **Giovanni Micallef v. Giuseppe Micallef**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell[6], citata wkoll fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Pace Gasan noe v. George Spiteri noe, Appell Civili Nru. 656/95** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-23 ta' April 2001, fejn inghad li *che da cio emerge anche chiaro che i rapporti interceduti tra l'attore e il convenuto sono rapporti d'indole commerciale perchè il citato non acquistava il vino per proprio uso ma per venderlo nella sua bottega … e quindi le somministrazioni e consegna che l'attore faceva al citato come evincesi dal complesso di prove non devono considerarsi come single consegnii a credenza ma come diverse forniture da formare un solo conto. Quindi i pagamenti che si facevano acconto importavano ricognizione dell'intero debito e la prescrizione deve incominciare dal di dell'ultima fornitura quando cessavano i rapporti tra i contendenti*. Fl-imsemmija sentenza **Pace Gasan noe v. Spiteri noe**, zdied jinghad li *hu meqjus illi l-kont kurrent ikun jirraprezenta dejn wiehed in kwantu l-kontraenti jkunu hekk qablu li kellu jigi meqjus, in kwantu t-transazzjonijiet kollha kienu minnhom konsidrati bhala operazzjonijiet differenti fl-istess negozju bejniethom*; u
- **Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited v. Dismar Company Limited, Citaz. Nru. 99/2001** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Ottubru 2004, ikkonfermata

[5] Sottolinear tal-Qorti.
[6] Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, Vol. XXVIII – I – 751)

mill-Qorti ta’ l-Appell – hlief ghall-kwistjonijiet ta’ l-imghaxijiet dekorribli fuq l-ammont likwidat – fil-25 ta’ Mejju 2007, fejn inghad li *huwa mghallem li l-preskrizzjoni f’kaz ta’ azzjoni mibnija fuq kont kurrenti ma tibdiex tghaddi qabel ma l-kont jigi likwidat, ghalkemm jinghad ukoll li l-preskrizzjoni tapplika ghal kull partita ta’ dejn minkejja li tkun taghmel parti minn servizz kontinwu. F’kull kaz, iz-zmien ta’ preskrizzjoni applikabbli huwa dak ta’ hames snin.*

Fid-dawl ta’ dawn il-principji ghalhekk jirrizulta li ghalkemm is-somma ta’ €5,021.64 pretiza mis-socjetà attrici tirrizulta minn fattura partikolari datata 28 ta’ Mejju 2003, peress illi n-negozju bejn is-socjetaijiet kontendenti kien regolat b’kont kurrent it-terminu preskrittiv ghall-azzjoni ghall-hlas ta’ l-imsemmi ammont ma bediex jiddekorri mid-data ta’ dik il-fattura kif pretiz mis-socjetà konvenuta izda, mid-data, jew ahjar miz-zmien peress illi data preciza ma tirrizultax, meta ntemm in-negozju bejn iz-zewg socjetajiet.

Silvio Camilleri xehed illi s-socjetà konvenuta temmet in-negozju taghha mas-socjetà attrici meta huwa ghalaq 61 sena u rtira min-negozju: *Jiena spiccajt nahdem fl-2006 imbaghad in-negozju nqaleb fuq il-mara*. *Meta kont ser naghlaq il-61 sena kont infurmajt lis-suppliers kollha tieghi li ma kontx ser nibqa’ nahdem billi kont ser nirtira bil-pensjoni. Illum ghandi 64 sena u ser naqleb ghal 65 sena. Jiena x’aktarx li waqaft ninnegozja mas-socjetà attrici ftit qabel ghalaqt il-61 sena.*

Minn din ix-xhieda jirrizulta li n-negozju bejn iz-zewg socjetajiet intemm f’xi zmien matul l-2007 u anke jekk, fl-ahjar ipotesi ghas-socjetà konvenuta, dan iz-zmien kellu jittiehed mill-bidu tas-sena 2007 jirrizulta li t-terminu ta’ hames snin invokat mis-socjetà konvenuta ma lahaqx iddekorra, la sad-data tal-prezentata ta’ l-ittra ufficjali tat-13 ta’ Awissu 2009 u lanqas sad-data tal-prezentata ta’ dawn il-proceduri fil-11 ta’ Jannar 2010 u n-notifika lis-socjetà konvenuta fit-22 ta’ Jannar 2010.

B'hekk fid-dawl ta' dan kollu osservat, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta sollevata mis-socjetà konvenuta, ma tistax tigi milqugha.

Nonostante ciò, anke jekk kellu jitqies li t-terminu preskrittiv ta' hames snin ghall-azzjoni ghall-hlas tas-somma ta' €5,021.64 beda jiddekorri mid-data tal-fattura li minnha jirrizulta tali ammont, ossia mit-28 ta' Mejju 2003, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta xorta wahda ma tistax tigi milqugha ghaliex mix-xhieda ta' Silvio Camilleri jirrizulta li dan it-terminu preskrittiv gie minnu diversi interrott tul iz-zmien.

Waqt is-seduta tal-21 ta' Frar 2011, Silvio Camilleri xehed illi *qed nigi mistoqsi jekk jiena ghandix naghti xi flus lis-socjetà attrici u nghid li jiena lil din is-socjetà ma ghandi naghtiha xejn. Fir-rigward ta' din il-fattura li qed insemmu u fattura ohra nghid li jiena lil Joseph Galea tas-socjetà attrici dejjem ghedtlu li kellu returns fuqhom. Fil-fatt meta hallastu fl-2003 ta' erba' invoices li kien hemm, kont hallastu ta' tlieta minnhom izda ta' wahda minnhom ma hallastux u <u>kont ghedtlu li malli jiehu r-returns jekk jifdal ammont li jkolli naghti mbaghad naghtih</u>.* In kontro-ezami huwa tenna li *nghid li fir-rigward tar-returns li qed insemmi ghad fadal xi haga minnhom izda llum wara tmien snin dawn tajbin ghar-rimi biss. <u>Qed nigi mistoqsi jekk jiena hinix qed nghid li jekk ir-returns minn din il-fattura jinqatghu u jekk ikun hemm xi bilanc dovut jiena fil-fatt inhallsu, nikkonferma li dan fil-fatt kien id-diskors li kont nghid. Peress li jiena kelli r-returns fuq din il-fattura deherli li l-ammont kollu taghha ma kienx dovut, meta jiehu r-returns u jitnaqqsu jekk jifdal xi bilanc l-intendiment tieghi dejjem kien li nhallas tal-bilanc li kien ikun hemm. Jiena nerga' ntenni li d-diskors fl-2003 kien li jekk jiehu r-returns, id-differenza li jifdal jekk ikun hemm kont dispost inhallasha. … Matul is-snin mill-hrug tal-fattura, kull darba li kellimni r-rapprezentant tas-socjetà attrici rigward il-hlas ta' din l-istess fattura jiena dejjem kont nghidlu li jekk jigi</u>*

*jiehu r-returns, il-bilanc li jkun hemm dovut fuqha, kont dispost inhallsu*[7].

Huwa principju stabbilit fis-sistema guridika nostrali li *jekk id-debitur jirrikonoxxi id-dejn, dan ir-rikonoxximent jimporta rinunzja ghall-preskrizzjoni, u dan ir-rikonoxximent jista' jkun anke prezunt jew indirett. U lanqas hemm bzonn li r-rikonoxximent ikun ghall-kwantità kollha dovuta, u jista' wkoll jirrigwarda kreditu illikwidu*[8], u li *fejn id-debitur ma jichadx id-dejn imma semplicement jikkontesta l-quantum ta' l-ammont dovut, allegat mill-kreditur, id-debitur ikun qieghed jinterrompi u tacitament u jirrinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri*[9].

Mix-xhieda ta' Silvio Camilleri appena citata johrog car li l-merkanzija mertu tal-fattura tat-28 ta' Mejju 2003 giet ikkonsenjata lil u accettata mis-socjetà konvenuta izda minhabba xi allegati *returns* li kien hemm is-socjetà konvenuta kienet disposta thallas biss il-bilanc li jifdal wara li jittiehdu dawn ir-*returns*. Dan l-atteggjament tas-socjetà konvenuta tramite, dak iz-zmien, id-Direttur taghha Silvio Camilleri jammonta ghal rikonoxximent tad-dejn ghaliex wiehed ma jistax jippretendi li jhallas biss parti mill-ammont pretiz jekk ma jkunx b'hekk jimplika l-ezistenza ta' l-istess kreditu.

Fi kliem Silvio Camilleri stess *matul is-snin mill-hrug tal-fattura, kull darba li kellimni r-rapprezentant tas-socjetà attrici rigward il-hlas ta' din l-istess fattura jiena dejjem kont nghidlu li jekk jigi jiehu r-returns, il-bilanc li jkun hemm dovut fuqha, kont dispost inhallsu,* u mix-xhieda ta' Joseph Galea jirrizulta li huwa kien ta' spiss u ripetutament ikellem lil Silvio Camilleri dwar din il-fattura, fatt dan mhux michud mill-istess Camilleri. B'hekk isegwi li

---

[7] Fol. 22 u 23 tal-process. Sottolinear tal-Qorti.
[8] Mario Galea v. John Attard et, Citaz. Nru. 1466/95 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civilifis-26 ta' Mejju 2004 u kkonfermata mill-Qorti ta' l_Appell fis-26 ta' Jannar 2007.
[9] Pace Associates Limited v. Drawing Techniques Limited, Appell Civili Nru.148/03 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Dicembru 2005 u Victor Calleja noe v. Nazzareno Vassallo noe, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civilifil-11 ta' April 1996 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 1998, Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, Vol. LXXXII – ii – 620.

l-preskrizzjoni giet ripetutament interotta matul is-snin minn Silvio Camilleri *qua* Direttur tas-socjetà konvenuta.

Waqt is-seduta tat-2 ta' Dicembru 2010 gie dikjarat mid-difensur tas-socjetà konvenuta li Silvio Camilleri kien Direttur tas-socjetà konvenuta bejn l-2003 u l-2008 izda imbaghad fix-xhieda tieghu Silvio Camilleri jghid li *jiena spiccajt nahdem fl-2006 imbaghad in-negozju nqaleb fuq il-mara.* Madanakollu però jekk wiehed kellu jiehu l-2006 bhala s-sena meta Silvio Camilleri zvesta ruhu mir-rapprezentanza legali tas-socjetà konvenuta u b'hekk bhala l-ahhar zmien meta seta' bl-agir tieghu jwassal ghall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni da parte tas-socjetà konvenuta, xorta jibqa' l-fatt li sal-prezentata ta' l-ittra ufficjali fit-13 ta' Awissu 2009 u l-prezentata u notifika ta' dawn il-proceduri fil-11 ta' Jannar 2010 u fit-22 ta' Jannar 2010 rispettivament, it-terminu ta' hames snin a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ma lahaqx iddekorra.

Ghalhekk anke minn dan l-aspett l-azzjoni attrici fil-konfront tas-socjetà konvenuta ma tirrizultax preskritta.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta sollevata mis-socjetà konvenuta, u tordna il-prosegwiment tal-kawza.

L-ispejjez giudizzjarji relattivi ghall-eccezzjoni preliminari u ghal din is-sentenza ghandhom jigu sopportati mis-socjetà konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------